# 111. Is-Siġra taż-Żebbuġ

Qaddisa fost is-siġar...

Il-frott ċkejken
mimli biż-żejt li jixgħel il-lampier,
u jidlek ir-rejjiet,
u jitma' 'l-fqir...

Il-weraq
aħdar u abjad;
ħdura li ma tinxifx,
bħall-ferħ tal-qaddisin,
bjuda li tiddi fl-għoli
bħall-ġwienaħ ta' l-anġli...
Zokk imgħawwar
fqajjar
bħat-tonka mqatta'
tal-Kapuċċin bil-leħja bajda
li jgħid l-uffizzju
taħt id-dell tagħha...

Minn fomm ħamiema bajda
tiġri fuq id-dilluvju
turi l-qawsalla,
il-kelma t'Alla
li iżjed ma jerġax jeqred il-ħlejjaq...

Żejnet it-toroq
minn fejn rifes il-ħmar ta' Iben David,
għajtet Osanna!

Ixegħlu t-tazzi
quddiem in-niċċa, għamlu fuq ġbinkom
iż-żejt imqaddes;
kunu vittmi ta' talb u ħidma sfiqa...

Qaddisa s-siġra taż-żebbuġ, qaddisa!